# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Jannar 2001

**Numru : 38**
**Citaz. Numru : 2556/2000/RCP**

**P. Cutajar & Co Ltd**

**vs**

**Nicholsons The Supermarket Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' hamest elef mija u erbgha u disghin liri Maltin u hamsa u hamsin centezmi (Lm5,194.55) kif jidher minn statement hawn anness u mmarkat Dok (A) rapprezentanti bilanc ta' merkanzija mbjugha u

kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta fuq istruzzjonijiet ta' l-istess socjeta' konvenuta.

Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi mis-socjeta' attrici biex thallas id-debiti dovuti hija baqghet inadempjenti.

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura Civili Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta stante li fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti;

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi, ma ghandiex dina l-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura Civili Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundannha thallas is-somma ta' hamest elef mija u erbgha u disghin liri Maltin u hamsa u hamsin centezmi (Lm5,194.55) rapprezentanti bilanc ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta fuq istruzzjonijiet ta' l-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax mid-data tal-konsenja sa l-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan illi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta:

2. Thallas is-somma ta' hamest elef mija u erbgha u disghin liri Maltin u hamsa u hamsin centezmi (Lm5,194.55) rapprezentanti bilanc ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta fuq istruzzjonijiet ta' l-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax mid-data tal-konsenja sa l-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**9 ta' Jannar 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**9 ta' Jannar 2001**